# *DEO ALTISSIMO* *

Alla ta' dejjem li żżomm l-art u s-sema
Bil-ħwejjeġ misturin u bil-magħrufa,
Fik biss is-sliem, is-serħ, il-faraġ, l-hena
Ta' qalbna w ruħna:

Għax Inti Sidna, kollok għerf u ħniena,
Inti Ragħajna fit trîqat imwiergħa,
Inti Missierna li taf tħobb b'imħabba
Ħelwa 'l uliedek.

Fik inqegħdu tamitna, għax Int tagħraf
Xewqâtna w rajna w kull ma nambu minnek,
Fuq atâr Kristu li bgħattilna rridu
Nimxu sa l-aħħar.

Mulej, seddaqna, midinbin kif aħna,
Insa l-għawl tagħna w kull agħmil mhux xieraq,
Li bih wisq drabi waġġgħajnhielek qalbek,
R'għexnik bla ħniena.

Mulej, aħfrilna, ħniena jkollok minna,
Għax aħna msejkna w ftit u xejn nifilħu
Għall-lpup setgħana, li jħaxknuna dejjem,
Biex lilna jxejnu.

Mulej liġġimna, jekk qatt naħbtu Minnek
Il-bogħ'd naħarbu; bi qdusitek orqom
Ħajjitna; w agħmel li ngħadduha rżina
Kif jogħġob Lilek.

14-1-32 C. V.

* Wieħed żagħżugħ li jħobb il-lsien Malti b'qalbu kollha u li hu ħabib tal-"*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*" talabna nġibulu f'dan il-għadd tar-Rivista tagħna dawn il-versi.

Dehrilna li ma għandniex imbarruhom għaliex, għalkemm ma fihomx dik il-poeżija li tittajjar fil-għoli u tilmaħ dehriet ġodda, fihom għallanqas sengħa tajba, u xbihiet ħelwin, li jatuna xi tama illi għada pitgħada l-awtur ikun jista' jibgħatilna xi ħaġa aħjar, aktar miġbura, aktar marbuta, aktar mimlija.

Inbagħad, għalkemm il-poëta jitwieled hekk, ħadd ma jitwieled poëta magħmul; u daqsxejn tal-ħajr irid ikun.